# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2014/855/PESK

## tat-28 ta' Novembru 2014

## li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tagħha,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK.

(2) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fuq il-post fl-Ukraina, il-Kunsill iqis li għandhom jiżdiedu persuni u entitajiet addizzjonali mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi, kif tidher fl-Anness tad-Deċizjoni 2014/145/PESK.

(3) L-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK għandu jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-persuni u l-entitajiet elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiżdiedu mal-lista li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. GOZI

([1]) ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16.

*ANNESS*

**Il-lista ta' persuni u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1**

## Individwi

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni ta' raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | Serhiy KOZYAKOV (aka Sergey Kozyakov)<br>Сергей Козьяков | 29.9.1982 | Fil-kapaċità tiegħu bħala "Kap tal-Kummissjoni Elettoriali Ċentrali ta' Luhansk" huwa responsabbli għall-organizzazzjoni tal-hekk imsejħa "elezzjonijiet" tat-2 ta' Novembru 2014 fl-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Luhansk". Dawn "l-elezzjonijiet" huma fi ksur tal-liġi Ukraina u għaldaqstant illegali.<br>Fl-assunzjoni u filwaqt li jaġixxi f'din il-kapaċità, u fl-organizzazzjoni tal-"elezzjonijiet" illegali, huwa għaldaqstant b'mod attiv appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina. | 29.11.2014 |
| | Oleg AKIMOV (aka Oleh AKIMOV)<br>Олег Акимов | | Deputat fl-"Unjoni Ekonomika ta' Luhansk" fil-"Kunsill Nazzjonali" tar-"Repubblika Popolari ta' Luhansk". Ikkandida ruħu fl-hekk imsejħa "elezzjonijiet", tat-2 ta' Novembru 2014 għall-kariga ta' "Kap" tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Luhansk". Dawn l-elezzjonijiet huma fi ksur tal-liġi Ukraina u għaldaqstant illegali.<br>Fl-assunzjoni u filwaqt li jaġixxi f'din il-kapaċità, u fil-parteċipazzjoni formali bħala kandidat fl-"elezzjonijiet" illegali, huwa għaldaqstant appoġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina. | 29.11.2014 |
| | Larisa AIRAPETYAN (aka Larysa Ayrapetyan, Larisa Airapetyan jew Larysa Airapetyan)<br>Лариса Айрапетян | | "Ministru għas-Saħħa" tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Luhansk". Ikkandidat ruħha fl-hekk imsejħa "elezzjonijiet", tat-2 ta' Novembru 2014 għall-kariga ta' "Kap" tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Luhansk".<br>Dawn l-"elezzjonijiet" huma fi ksur tal-liġi Ukraina u għaldaqstant illegali.<br>Fl-assunzjoni u filwaqt li taġixxi f'din il-kapaċità, u fil-parteċipazzjoni formali bħala kandidat fl-"elezzjonijiet" illegali, hija għaldaqstant appoġat b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina. | 29.11.2014 |
| | Yuriy SIVOKONENKO (aka Yuriy Sivokonenko, Yury Sivokonenko, Yury Syvokonenko)<br>Юрий Викторович Сивоконенко | | Membru tal-"Parlament" tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Donetsk" u jaħdem fl-Unjoni ta' veterani tad-Donbass Berkut. Ikkandida ruħu fl-hekk imsejħa "elezzjonijiet" tat-2 ta' Novembru 2014 għall-kariga ta' Kap tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Donetsk". Dawn l-elezzjonijiet huma fi ksur tal-liġi Ukraina u għaldaqstant illegali.<br>Fl-assunzjoni u filwaqt li jaġixxi f'din il-kapaċità, u fil-parteċipazzjoni formali bħala kandidat fl-"elezzjonijiet" illegali, huwa għaldaqstant appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina. | 29.11.2014 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni ta' raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | Aleksandr KOFMAN (aka Oleksandr Kofman)<br>Александр Игоревич Кофман | | "L-ewwel viċi speaker" tal-"Parlament" tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Donestsk". Ikkandida ruħu fl-hekk imsejħa "elezzjonijiet" illegali tat-2 ta' Novembru 2014 għall-kariga ta' Kap tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Donetsk". Dawn l-elezzjonijiet huma fi ksur tal-liġi Ukraina u għaldaqstant illegali.<br>Fl-assunzjoni u filwaqt li jaġixxi f'din il-kapaċità, u fil-parteċipazzjoni formali bħala kandidat fl-"elezzjonijiet" illegali, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina. | 29.11.2014 |
| | Ravil KHALIKOV<br>Равиль Халиков | | "L-Ewwel Viċi Prim Ministru" u l-"Prosekutur-Ġenerali" preċedenti tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Donetsk".<br>Fl-assunzjoni u filwaqt li jaġixxi f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina. | 29.11.2014 |
| | Dmitry SEMYONOV<br>Дмитрий Семенов | | "Viċi Prim Minstru għall-Finanzi" tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Luhansk" .<br>Fl-assunzjoni u filwaqt li jaġixxi f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant b'mod attiv appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina. | 29.11.2014 |
| | Oleg BUGROV | | "Ministru għad-Difiża" tal-hekk ismejħa Repubblika Popolari ta' Luhansk.<br>Fl-assunzjoni u filwaqt li jaġixxi f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina. | 29.11.2014 |
| | Lesya LAPTEVA<br>Леся Лаптева | | "Ministru għall-Edukazzjoni. ix-Xjenza, il-Kultura u r-Reliġjon" tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Luhansk".<br>Fl-assunzjoni u filwaqt li taġixxi f'din il-kapaċità, hija għaldaqstant appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina. | 29.11.2014 |
| | Yevgeniy Eduardovich MIKHAYLOV (aka Yevhen Eduardovych Mychaylov)<br>Евгений Эдуардович Михайлов | 17.3.1963, f'Arkhangelsk | "Kap tal-amministrazzjoni għall-affarijiet governattivi" tal-hekk ismejħa "Repubblika Popolari ta' Donetsk".<br>Fl-assunzjoni u filwaqt li jaġixxi f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina. | 29.11.2014 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni ta' raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | Ihor Vladymyrovych KOSTENOK (aka Igor Vladimirovich Kostenok)<br>Игорь Владимирович Костенок | | "Ministru għall-Edukazzjoni" tal-hekk ismejħa "Repubblika Popolari ta' Donetsk".<br>Fl-assunzjoni u filwaqt li jaġixxi f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina. | 29.11.2014 |
| | Yevgeniy Vyacheslavovich ORLOV (aka Yevhen Vyacheslavovych Orlov)<br>Евгений Вячеславович Орлов | | Membru tal-"Kunsill Nazzjonali" tal-hekk ismejħa "Repubblika Popolari ta' Donetsk".<br>Fl-assunzjoni u filwaqt li jaġixxi f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina. | 29.11.2014 |
| | Vladyslav Nykolayevych DEYNEGO (aka Vladislav Nykolayevich Deynego)<br>Владислав Дейнего | | "Viċi Kap" tal-"Kunsill Popolari" tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Luhansk".<br>Fl-assunzjoni u filwaqt li jaġixxi f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina. | 29.11.2014 |

**Entitajiet**

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni ta' raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | Donetsk Republic (Organizzazzjoni pubblika)<br>Донецкая республика | | "Organizzazzjoni" pubblika li ppreżentat kandidati fl-hekk imsejħa "elezzjonijiet" tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Donetsk" fit-2 ta' Novembru 2014. Dawn "l-elezzjonijiet" huma fi ksur tal-liġi Ukraina u għaldaqstant illegali.<br>Fil-parteċipazzjoni formali fl-"elezzjonijet" illegali hija għalhekk appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina. Immexxija minn Alexander ZAKHARCHENKO u mnedija minn Andriy PURGIN. | 29.11.2014 |
| | Peace to Luhansk Region (Russu: Mir Luganschine)<br>Мир Луганщине | | "Organizzazzjoni" pubblika li ppreżentat kandidati fl-hekk imsejħa "elezzjonijiet" tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Donetsk" fit-2 ta' Novembru 2014. Dawn "l-elezzjonijiet" huma fi ksur tal-liġi Ukraina u għaldaqstant illegali.<br>Fil-parteċipazzjoni formali fl-"elezzjonijet" illegali hija għalhekk appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina. Immexxija minn Igor PLOTNITSKY. | 29.11.2014 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni ta' raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | Free Donbass (aka "Free Donbas", "Svobodny Donbass")<br>Свободный Донбасс | | "Organizzazzjoni" pubblika li ppreżentat kandidati fl-hekk imsejħa "elezzjonijiet" tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Donetsk" fit-2 ta' Novembru 2014. Dawn l-elezzjonijiet huma fi ksur tal-liġi Ukraina u għaldaqstant illegali.<br>Fil-parteċipazzjoni formali fl-"elezzjonijet" illegali hija għalhekk appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina. | 29.11.2014 |
| | People's Union (Narodny Soyuz)<br>Народный союз | | "Organizzazzjoni" pubblika li ppreżentat kandidati fl-hekk imsejħa "elezzjonijiet" tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Donetsk" fit-2 ta' Novembru 2014. Dawn l-elezzjonijiet huma fi ksur tal-liġi Ukraina u għaldaqstant illegali.<br>Fil-parteċipazzjoni formali fl-"elezzjonijet" illegali hija għalhekk appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina. | 29.11.2014 |
| | Luhansk Economic Union (Luganskiy Ekonomicheskiy Soyuz)<br>Луганский экономический союз | | "Organizzazzjoni soċjali" li ppreżentat kandidati fl-hekk imsejħa "elezzjonijiet" tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Donetsk" fit-2 ta' Novembru 2014. Innomi-nat kandidat, Oleg AKIMOV, għal "Kap" tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Luhansk" . Dawn "l-elezzjonijiet" huma fi ksur tal-liġi Ukraina u għaldaqstant illegali.<br>Fil-parteċipazzjoni formali fl-"elezzjonijiet" illegali hija għalhekk appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina. | 29.11.2014 |